**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LLD**

**Seduta tad-29 ta' Novembru 2018**

**Appell Kriminali numru. 156/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spet. Elton Taliana)**

**Vs**

**Denise Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellata Denise Falzon (211162M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzata talli nhar l-14 ta' Mejju 2016, u fil-ġranet ta' fi Triq il-Faqqiegħ, Attard, b'diversi atti magħmla minnha li ġew magħmula fi żminijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi:

1. **Ġabet ruħha b'tali mod li tat fastidju lil Antonia Hole u/jew lil ħaddieħor, u b'mod li kienet taf jew messha kienet taf li dak li għamlet kien ta' fastidju għal dik il-persuna/persuni; u**
2. **Bħala persuna li sakkret jew ġiegħlet jew ippermettiet li xi annimal jissakkar f'xi post, naqset li tieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa skond iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien permezz ta' inbieħ jew tnewwieħ jew xort'oħra.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura kriminali tas-17 ta' Marzu 2017, li biha, lliberat lil Denise Falzon mill-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat ir-rikors tal-appell ta-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-6 ta' April 2017 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib ħtija fil-konfront ta' Denise Falzon tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u konsegwentement tinfliġġi piena skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul is-seduta tat-12 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali jikkonsistu fil-qosor li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u dan peress li b'differenza minn dak ipprospettat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, l-prosekuzzjoni ġabet provi suffiċjenti tal-'*course of conduct*' tal-appellata sabiex jissostanzjaw l-ewwel akkuża. *Di piu'* fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, l-Ewwel Qorti kellha issib ħtija ghat-tieni akkuża wkoll peress li d-disposizzjoni ta' dritt li fuqha hija imsejsa din l-akkuza titkellem ukoll dwar dwejjaq ikkaġunat lil ġirien xort'oħra u mhux limitatament għal inbieħ u tnewwiegħ.

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-parte leza Antonia Hole u s-sieħeb tagħha Donald Sandy għandhom appartament fl-indirizz 'Our Joy', Triq il-Faqqiegħ, Attard li jinstab sottopost għal dak tal-appellata fl-istess triq bl-isem Vella Court, Flat 2. Huma jgħixu prinċipalment l-Ingilterra imma jiġu Malta regolarment fejn jqattgħu numru ta' xhur f'pajjizna u jabitaw ġewwa l-appartament tagħhom f'dawk iż-żminijiet.

SkonT l-parte ċivile u kif debitament affermat mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu, l-appellata Falzon għandha numru konsiderevoli ta' qtates (7) fir-residenza tagħha u dan bi vjolazzjoni ta' dak pattwit fil-kuntratt ta'l-akkwist ta' kull appartament fil-blokka fejn hemm stipulat illi s-sidien, okkupanti tal-appartamenti ma jistghux izommu jew irabbu annimali f'dawn l-ambjenti. Jilmentaw il-parti leza illi l-appellata li hija għalliema, tqatta' ħafna mill-ħin tagħha fuq il-post tax-xogħol b'dawn il-qtates allura jispiccaw waħedhom fejn jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom fuq il-veranda tal-appellata li tiġi eżattament fuq il-bitħa tal-parte civile jew fil-kamra tal-banju b'tieqa li tagħti għal fuq il-kamra tas-sodda taghhom. Minhabba f'dan qedgħin ibatu minħabba r-riħa insopportabbli gejja minn dawn l-ambjenti, tant illi s-saħħa tagħhom marret lura mhux biss dik fizika izda ukoll psikologika. Jidher illi

ghalkemm l-appellata ġiet avviċinata diversi drabi dwar din is-sitwazzjoni baqghet tippersisti, tant li il-parti leza kellha tirrikorri għal-mezzi legali sabiex is-sitwazzjoni tiġi ssannata.

Illi l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tisma diversi xhieda fosthom il-parte civile Antonia Hole u Donald Sandy, George Vella u Joanna Vella li xehdet għan-nom tad-Dipartiment tas-Sanita' (distrett Birkirkara) u dan apparti l-affidavit tal-membri tal-korp tal-pulizija li marru fuq il-post, filwaqt li għad-difiża xehdu Reuben Curmi u Petra Floysvik. Minn dawn il-provi jemergi illi huwa minnu li l-appellata trabbi numru ta' qtates fl-appartament residenza taghha, li qed jikkagunaw irwejjah kif ikkonfermat mhux biss minn PC1078 Mario Ciantar[1] li mar fir-residenza ta' Antonia Hole wara r-rapport magħmul minnha, izda ukoll huwa ikkorroborat mix-xhud Donald Sandy[2], u George Micallef[3] li kien ghamel xi xogholijiet fil-gulley tal-fond ta' Hole.

Illi x-xhud Joanne Vella li xehdet għan-nom tas-Sanita (distrett Birkirkara) spjegat illi kienu rċevew kwerela dwar l-appartament numru 2 fejn tirresjedi l-appellata u kienu għamlu spezzjoni fuq il-post f'iktar minn okkazzjoni waħda. Spjegat li l-kollegi tagħha, Yvonne Farrugia u Henry Grixti, marru f'iktar minn okkazzjoni waħda, allavolja hi darba marret, liema persuni madankollu qatt ma gew prodotti sabiex jixhdu f'dawn il-proċeduri.

Illi d-difiza tressaq bhala xhud lil Reuben Curmi, li kien ghamel zmien ighix fl-istess blokka ta' appartamenti u li essenzjalment jikkorrobora ix-xiehda tal-parti leza meta jikkonferma illi fil-fatt f'din il-blokka kienet tinxtamm ir-riha tal-annimali. Jikkonferma illi l-appellata kienet izomm xi qtates fl-appartament taghha ghalkemm kien hemm klawsola fil-kuntratt tal-akkwist li kien jipprojbixxi lir-residenti milli izommu l-annimali fil-fond. Illi finalment skond ix-xhud għad-difiża Petra Floysvik[4], li toqgħod faċċata ta' dan il-blokk, u tuża l-istess bieb komuni biex tidħol fir-residenza tagħha, hija tikkontendi illi l-annimali tal-appellata lilha qatt ma dejjquha ghalkemm qatt ma daħħlet fir-residenza tal-parti leza.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn il-fatti probatorji jirrizulta mhux ikkontestat illi l-appellata izomm numru ta' qtates fl-appartament taghha, ghalkemm dan huwa bi ksur tal-obbligi kontrattwali minnha assunti mal-akkwist tal-appartament fejn tirrisjedi. Lanqas ma hu ikkonestat illi dawn il-qtates juzaw il-gallarija sabiex ihammgu meta jaghmlu il-bzonnijiet taghhom. Jirrizulta ukoll illi l-appellata, x'aktarx wara l-

[1] Affidavit a folio 4 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 38 tal-atti proċesswali.
[3] Folio 40 tal-atti proċesswali.
[4] Folio 48 tal-atti proċesswali.

ilmenti li kienu saru, bdiet izomm dawn il-qtates fil-kamra tal-banju tal-appartament taghha, izda ir-rih xortawahda baqghet tinxtamm mir-residenza tal-parti leza billi kienet tithalla t-tieqa miftuha. Illum jidher illi l-appellata m'ghadhiex tirrisjedi f'dan l-appartament.

Issa l-Ewwel Qorti ma daħħlitx fil-mertu tal-każ iżda qieset illi gjaladarba ma giex ippruvat l-'course of conduct' li titkellem dwaru il-ligi fir-rigward tal-ewwel akkuża allura kkonkludiet ukoll illi konsegwentement lanqas it-tieni akkuza ma kienet tikkonfigura.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>

Illi l-ewwel akkuza addebitata lill-appellata hija dik tal-fastidju kif mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 kif kien applikabbli fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, li kien jaqra:

> **(1) Persuna li ġġib ruħha:**
> **(a) B'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u**
> **(b) B'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,**
>
> **Tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.**
>
> **(2) Għal fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qedgħa ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.**
>
> **(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:**
> **(a) L-imġieba tagħa kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi dellitt; jew**
> **(b) L-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonferma ruħha ma xi kundizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew**
> **(c) Fiċ-ċirkostanzi partikolari l-imġieba kienet waħda raġonevoli;**

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.

> **"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**
>
> **'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning**

**that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable**

**Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[5]"**

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:

**"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.[6].**

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:

**'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-**

**"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",**

---

5 App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012

6 Il-Pulizija vs Massimo Tivisini

**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**

**"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."**

Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero' li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

Illi f'kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet:

**"L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."**

**Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju.[7]"**

Illi ghalkemm il-parti leza tressaq provi dwar dak li jikkostitwixxi l-inkonvenjent li qed jigi ikkrejat mill-gara taghha, madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti li remotament tindika, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi dan l-agir da parti tal-appellata kien specifikatament intenzjonat sabiex idejjaqha jew jivvessa. Jidher illi l-parti leza kienet tirrisjedi flimkien mas-sieheb taghha, fl-appartament ghal madwar tlett xhur fis-sena biss u ma jidhirx illi dawn il-qtates kienu qed jinzammu fil-gallarija appozitament mill-appellata biss f'dawk ix-xhur meta l-parti leza kienet tkun Malta. Mhux biss izda jidher illi l-appellata biddlet il-post fejn kienu jinzammu il-qtates sabiex tnaqqas l-inkonvenjent izda xortawahda dan ma gab l-ebda rimedju. Dan ifisser allura illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ir-reat ravvizat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali ma isibx applikazzjoni u allura ghalkemm ghal motivi differenti minn dawk milhuqa mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ser tikkonferma id-decizjoni liberatorja moghtija.

Ikkunsidrat,

[7] Il-Pulizija vs Raymond Spiteri App. Inf. 26/05/2016

Illi t-tieni akkuża hija regolata mill-artikolu 153 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta li jinqara kif ġej:

**Kull persuna li ssakkar jew iġġiegħel, jew tippermetti, li xi annimal jissakkar f'xi post, għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbiħ jew tnewwiħ jew xort'oħra.**

Illi fid-dibattiti parlamentari fejn gie diskuss dan l-artikolu tal-ligi qabel daħal fis-seħħ fis-sena 2010 il-Ministru tal-ġustizzja tal-ġurnata qal hekk:

**"Qegħdin nintroduċu artiklu ieħor fil-Kodiċi tal-Liġi tal-Pulizija sabiex nagħtu protezzjoni wkoll minn annimali li jdejqu lill-ġirien. F'pajjiżna fortunament hawn ħafna nies iħobbu l-annimali u l-maġġoranza tagħhom jieħdu ħsiebhom ukoll. Hemm imħabba kbira għall-annimali u n-nies jonfqu flejjes kbar sabiex iżommu tajjeb l-annimali tagħhom, però sfortunatament għandna numru ta' nies fis-soċjetà li dan ma jagħmluhx. Għalkemm wieħed ma jkunx jista' espressament jitkellem fuq moħqrija tal-annimali, jiġifieri li inti qed issawwat annimal jew qed iżżommu f'kondizzjonijiet ħżiena, imma dan l-annimal ikun qiegħed idejjaq lill-ġirien. Allura qed nipproponu artiklu ġdid li jgħid hekk:**

**"Kull persuna li ssakkar jew iġġiegħel jew tippermetti li xi annimal jissakkar f'xi post għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien permezz ta' nbiħ jew tnewwiħ jew xorta oħra".**

**Sfortunatament hemm numru ta' każijiet fejn, per eżempju, wieħed ikollu kelb jew inkella ċerti tipi ta' għasafar li jitħallew f'post abbandunat, forsi fuq il-bejt, jitħallew għal rashom, u dawn jagħmlu l-lejl kollu jinbħu. Is-sid jitlaq mill-post, iħalli lil dan il-kelb hemmhekk għassa, dan jagħmel il-lejl kollu jinbaħ fuq il-bejt, il-ġirien ma jistgħux jorqdu, u fil-frattemp jiżdiedu d-dwejjaq. Dan m'għandux ikun, u għal dan il-għan qed indaħħlu emenda li tistabbilixxi każ bħal dan bħala kontravenzjoni. Jekk inti għandek imħabba vera għall-annimali trid tieħu ħsieb li tagħtihom kondizzjonijiet tajbin, trid tieħu ħsieb li tħallihom f'ambjent u f'sitwazzjoni li permezz tagħha tassigura li dawn l-annimali ma jiddisturbawx lil ħaddieħor[8]."**

Illi kwindi jidher li l-intenzjoni tal-leġislatur bl-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi kienet illi jigu indirizzati dawk il-kazijiet fejn jkun qed jinholoq inkonvenjent jew fastidju lil terzi minn annimali mizmuma gewwa xi fond minhabba l-istorbju li ikunu qed jiggeneraw jew ghal xi raguni ohra.

Illi kif inghad din il-Qorti hija moralment konvinta illi il-mod kif l-appellata kienet qed izzomm il-qtates taghha, li kienu numru mhux hazin, maghluqa f'fond ghal gurnata shiha fejn ma kenitx qed tipprovdielhom il-facilitajiet necessarji fejn huma jistghu jaghmlu il-bzonnijiet taghhom kien qed johloq inkonvenjent lill-girien taghha. Kwindi l-kontravenzjoni ravvizata fit-tieni akkuza tirrizulta ampjament ippruvata u din il-Qorti ma tistax ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti li rabtet l-ewwel akkuza mat-tieni wahda li kienet tipprospetta offiza ta' natura differenti.

[8] Seduta no. 205 – Tal-Erbgħa l-24 ta Marzu 2010.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell tal-Avukat Generali, tghaddi biex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellata giet illiberata mill-ewwel imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn din giet illiberata ukoll mit-tieni imputazzjoni, issibha hatja tal-istess u wara li rat l-artikolu 153 u 318 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha ghal hlas ta' ammenda ta' €30.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur